

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Divorzju U Separazzjoni Legali](#) > [Latvia](#)

Divorzju u separazzjoni legali



Latvja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 X'inhuma l-kundizzjonijiet għall-ksib ta' divorzju?

Il-każijiet fejn jista' jinħall żwieġ huma deskritti fid-dettall fil-parti tal-Liġi tal-Familja fid-Dritt Ċivili tal-Latvja u fit-Taqsima P tal-Liġi dwar in-Nutara. Il-qafas ġenerali tal-istituzzjoni taż-żwieġ huwa stabbilit fil-parti tal-Liġi tal-Familja fid-Dritt Ċivili.

Fil-Latvja, żwieġ jista' jinħall biss minn qorti jew minn nutar (*notārs*). Qorti tista' tordna l-ħall taż-żwieġ fuq rikors tal-konjuġi flimkien jew ta' wieħed minnhom biss. Nutar jista' jordna l-ħall taż-żwieġ jekk il-konjuġi jkunu laħqu ftehim dwar il-ħall taż-żwieġ tagħhom u ma jkollhomx wild minuri tagħhom it-tnejn jew propjetà matrimonjali, jew, meta l-konjuġi jkollhom wild minuri tagħhom it-tnejn jew propjetà matrimonjali, jekk ikollhom ftehim bil-miktub dwar il-kustodja tal-wild minuri tagħhom it-tnejn, dwar id-drittijiet ta' aċċess, il-manteniment tal-wild u d-diviżjoni tal-propjetà matrimonjali.

Wieħed mill-prerekwiżiti għal divorzju ta' din ix-xorta, għalhekk, huwa ftehim bejn il-konjuġi dwar il-kustodja tat-tfal li twieldu fiż-żwieġ, il-manteniment tat-tfal u d-diviżjoni tal-propjetà matrimonjali.

Jekk iż-żwieġ jinħall minn qorti, il-qorti trid tistabbilixxi illi ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment. Żwieġ jitqies li tkisser irrimedjabbilment jekk il-konjuġi ma jibqgħux jgħixu flimkien u ma jkunx mistenni li jerġgħu jibdedw jgħixu flimkien.

Wieħed mill-prerekwiżiti għal divorzju ta' din ix-xorta, għalhekk, huwa ftehim bejn il-konjuġi dwar il-kustodja tat-tfal li twieldu fiż-żwieġ, il-manteniment tat-tfal u d-diviżjoni tal-propjetà matrimonjali. Jekk il-konjuġi ma jilħqux ftehim, dawn it-talbiet iridu jiġu deċiżi l-qorti flimkien ma' rikors għad-divorzju.

2 X'inhuma r-raġunijiet għal divorzju?

Il-ħall taż-żwieġ minn nutar

Żwieġ jista' jinħall jekk ikun tkisser irrimedjabbilment u l-konjuġi jkunu laħqu ftehim dwar il-ħall taż-żwieġ tagħhom, u n-nutar jirċievi rikors konġunt iffirmit minnhom it-tnejn. Jekk il-konjuġi jkollhom wild minuri tagħhom it-tnejn jew propjetà matrimonjali, mar-rikors irid jiġi anness ftehim bil-miktub dwar il-kustodja tal-wild minuri tagħhom it-tnejn, id-drittijiet ta' aċċess, il-manteniment tal-wild u d-diviżjoni tal-propjetà matrimonjali.

Il-ħall taż-żwieġ mill-qorti

Żwieġ jista' jinħall minn qorti f'każijiet meta l-konjuġi ma jkunux laħqu ftehim dwar il-ħall taż-żwieġ tagħhom u jkunu jissodisfaw waħda minn dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

il-konjuġi jkunu ilhom jgħixu separatament għal aktar minn sena; il-konjuġi jkunu jgħixu separatament, ma hemmx haġja konjugali u wieħed mill-konjuġi jkun deċiż illi ma jkunux hemm haġja konjugali, li b'hekk iċaħħad il-possibbiltà li jkun hemm koabitazzjoni matrimonjali. Il-haġja konjugali tista' tkun assenti wkoll minkejja li l-konjuġi jkunu jgħixu taħt l-istess saqaf.

Jekk il-konjuġi jkunu ilhom jgħixu separatament għal inqas minn sena, il-qorti tista' tordna l-ħall taż-żwieġ biss jekk:

- ir-raġuni għat-tkissir taż-żwieġ tkun abbuż fiżiku, sesswali, psikoloġiku jew ekonomiku minn wieħed mill-konjuġi fuq il-konjuġi l-ieħor li qed jitlob il-ħall taż-żwieġ, jew fuq it-tfal tiegħu minn relazzjoni oħra, jew kontra t-tfal tagħhom it-tnejn;
- konjuġi minnhom jaċċetta illi l-konjuġi l-ieħor iressaq rikors għall-ħall taż-żwieġ;
- wieħed mill-konjuġi jkun beda jgħix ma' persuna oħra, u kellhom jew se jkollhom tarbija minn din ir-relazzjoni.

Jekk il-konjuġi jkunu ilhom jgħixu separatament għal inqas minn sena u wieħed mill-konjuġi jippreżenta rikors għad-divorzju għal raġunijiet li mhumiex fost it-tlieta msemmija iktar 'il fuq u l-konjuġi l-ieħor ma jaċċettax li jiddivorzja, il-qorti ma tkunx tista' tħoll iż-żwieġ u jkollha tipposponi l-eżami tal-każ minħabba l-possibbiltà ta' rikonċiljazzjoni bejn il-konjuġi.

Jekk il-konjuġi jkunu ilhom jgħixu separatament għal inqas minn sena, nutar ikun jista' jħoll iż-żwieġ biss bil-kunsens taż-żewġ konjuġi u jekk ikunu ppreżentawlu rikors għall-ħall taż-żwieġ f'konformità mal-proċedura prevista fil-Liġi dwar in-Nutara.

Meta fiċ-ċirkostanzi li għadhom kif ġew deskritti il-qorti temmen illi ż-żwieġ għad jista' jiġi salvat, il-proċedimenti tad-divorzju jistgħu jiġu posposti sa massimu ta' sitt xhur minħabba l-possibbiltà ta' rikonċiljazzjoni tal-konjuġi.

Meta, qabel ma jkunu għexu għal rashom għal tliet snin, wieħed mill-konjuġi jippreżenta rikors għad-divorzju għal raġunijiet li mhumiex it-tlieta msemmija iktar 'il fuq, il-qorti ma tkunx tista' tħoll iż-żwieġ qabel it-terminu statutorju ta' tliet snin separazzjoni, u jkollha tipposponi l-eżami tal-każ minħabba l-possibbiltà ta' rikonċiljazzjoni tal-konjuġi.

Jekk il-konjuġi jkunu ilhom jgħixu separatament għal inqas minn tliet snin, nutar ikun jista' jħoll iż-żwieġ biss bil-kunsens taż-żewġ konjuġi u jekk ikunu ppreżentawlu rikors għall-ħall taż-żwieġ f'konformità mal-proċedura prevista fil-Liġi dwar in-Nutara.

Qorti ma tistax tħoll żwieġ lanqas jekk ikun tkisser irrimedjabbilment jekk u sa fejn ikun neċessarju li ż-żwieġ li jiġi preservat f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni fl-interessi tal-wild minuri taż-żewġ konjuġi flimkien.

3 X'inhuma l-konsegwenzi legali ta' divorzju f'dak li jirrigwarda:

3.1 ir-relazzjonijiet personali bejn il-konjuġi (pereżempju l-kunjom)?

Mad-dħul fis-seħħ ta' sentenza ta' divorzju jew eżatt kif nutar ċertifikat joħroġ ċertifikat ta' divorzju, jintemmu d-drittijiet u l-obbligi ġejjin mir-relazzjoni legali bejn il-konjuġi. Id-divorzju jista' jimponi drittijiet u obbligi ġodda fuq l-eks konjuġi. Mal-ħall taż-żwieġ, kull parti tkun tista' terġa' tiżżewweġ.

Skont id-Dritt Ċivili, konjuġi li biddel kunjomu maż-żwieġ ikun jista' jibqa' juża l-kunjom taż-żwieġ wara l-ħall taż-żwieġ, jew alternattivament, jekk jitlob hekk, ikun jista' jgħib il-permess ta' qorti jew nutar biex juża l-kunjom ta' qabel iż-żwieġ.

Fuq rikors tal-konjuġi l-ieħor, qorti tista' tipprojbixxi li konjuġi li jkun ħati tat-tkissir taż-żwieġ milli jżomm il-kunjom taż-żwieġ, sakemm dan ma jippreġudikax l-interessi tat-tfal.

3.2 il-qsim tal-propjetà tal-konjuġi

Nutar jista' jħoll żwieġ jekk il-konjuġi jkunu laħqu ftehim minn qabel bil-miktub fuq id-diviżjoni ta' kull propjetà matrimonjali u jekk dan il-ftehim ikun meħmuż mar-rikors għad-divorzju.

Meta ż-żwieġ jinħall minn qorti, il-konjuġi jistgħu jiftiehem dwar id-diviżjoni tal-propjetà matrimonjali. Jekk il-konjuġi ma jilħqux ftehim, it-talbiet tagħhom jiġu solvuti mill-qorti fuq il-bażi tad-Dritt Ċivili jew tad-dispożizzjonijiet tal-kuntratt taż-żwieġ. Id-Dritt Ċivili jipprevedi żewġ tipi ta' reġimi matrimonjali dwar il-propjetà, jiġifieri reġimi regolati mil-leġislażjoni u reġimi regolati mill-kuntratt taż-żwieġ, u dawn ifissru l-proċedura għad-diviżjoni tal-propjetà f'każ ta' divorzju.

Meta r-reġim ta' propjeta' jkun regolat mil-liġi, f'każ ta' diviżjoni tal-propjeta', kull konjuġi għandu dritt iżomm il-propjeta' li kienet tiegħu qabel iż-żwieġ u kull propjeta' separata li jkun akkwista matul iż-żwieġ. Kulma kien inxtara matul iż-żwieġ mill-konjuġi flimkien, jew minn wieħed minnhom bir-riżorsi tat-tnejn, huwa l-kopropjeta' taż-żewġ konjuġi. Il-kopropjeta' titqies li tappartjeni liż-żewġ konjuġi f'sehem indaqs, sakemm xi ħadd minnhom ma jkunx jista' juri illi l-propjeta' għandha tinqasam f'ishma differenti.

Meta r-reġim ta' propjeta' jkun regolat mill-kuntratt taż-żwieġ, il-kuntratt jista' jipprevedi sjieda separata jew sjieda konġunta tal-propjeta' kollha ta-konjuġi, u d-diviżjoni tal-propjeta' mbagħad issir skont il-proċedura stabbilita fil-leġislazzjoni dwar ir-reġim kuntrattwali ta' propjeta' rilevanti.

3.3 it-tfal minorenni tal-konjuġi

F'każijiet ta' divorzju, il-kwistjonijiet tar-relazzjonijiet legali fi ħdan il-familja li ġew deskritti iktar 'il fuq, u b'mod partikolari dawk ġejjin mir-relazzjonijiet legali bejn il-ġenituri u t-tfal, ma jistgħux jiġu kkunsidrati separatament.

Jekk iż-żwieġ jinħall minn nutar, il-konjuġi jridu jaqblu mhux biss fuq id-divorzju iżda wkoll fuq il-kustodja, id-drittijiet ta' aċċess u l-manteniment tat-tfal. Mar-rikors għad-divorzju jrid jiġu mehmuż ftehim minn qabel bil-miktub dwar il-kustodja, id-drittijiet tal-aċċess u l-manteniment tat-tfal.

Jekk iż-żwieġ jinħall minn qorti, il-konjuġi jridu jiftiehem fuq il-kustodja, id-drittijiet tal-aċċess u l-manteniment tat-tfal. Jekk ma jiġi konkluż l-ebda ftehim ta' din ix-xorta, sakemm sadattant it-talbiet ma jkunux ġew issodisfati, it-talbiet iridu jiġu ppreżentati flimkien mar-rikors għad-divorzju; inkella l-qorti ma tilqax it-talba għad-divorzju.

Il-konsegwenzi tad-divorzju fir-rigward tas-setgħa tal-ġenituri

Il-kura tat-tfal ma tiqafx hekk kif it-tfal ma jibqgħux jgħixu mal-ġenituri jew ma' wieħed minnhom.

Jekk il-ġenituri jgħixu separatament, is-setgħa konġunta tal-ġenituri tkompli. Il-kura u s-superviżjoni tat-tfal trid tiġi żgurata mill-ġenitur li t-tfal jgħixu miegħu.

Il-ġenituri jridu jieħdu d-deċiżjonijiet li jista' jkollhom effett sinifikanti fuq l-iżvilupp tat-tfal flimkien. It-tilwim bejn il-ġenituri jinstema' mill-qorti tal-iltiema (*bāriqtiesa*), sakemm il-leġislazzjoni ma tipprevedix mod ieħor.

Il-kustodja konġunta tal-ġenituri tintemm meta ftehim bejn il-ġenituri jew deċiżjoni tal-qorti jistabbilixxi l-kustodja esklussiva ta' wieħed mill-ġenituri.

Jekk it-tfal qegħdin fil-kustodja esklussiva ta' ġenitur wieħed, dak il-ġenitur għandu d-drittijiet u l-obbligi derivanti minn dik il-kustodja. Il-ġenitur l-ieħor irid ikollu drittijiet ta' aċċess (id-dritt li jżomm kuntatt u li jkollu relazzjoni privata mat-tfal tiegħu).

Il-konsegwenzi tad-divorzju fir-rigward tal-manteniment tat-tfal

Il-kwistjoni tal-manteniment tat-tfal trid tiġi deċiża matul il-proċedimenti tad-divorzju. Il-ġenituri għandhom l-obbligu jmantnu t-tfal tagħhom skont il-kapaċitajiet u l-mezzi finanzjarji tagħhom. L-obbligu tal-manteniment huwa tal-missier u tal-omm sakemm it-tfal ikunu jistgħu jmantnu ruħhom. L-obbligu tal-manteniment ma jiqafx sempliċement għaliex it-tfal ma jibqgħux jgħixu mal-ġenituri jew ma' wieħed minnhom jew ma jgħixux mal-familja. Mal-hall taż-żwieġ tagħhom il-ġenituri jistgħu jiftiehem fuq il-manteniment tat-tfal, iżda fin-nuqqas il-kwistjoni tiġi deċiża mill-qorti matul il-proċedimenti tad-divorzju.

3.4 l-obbligu ta' ħlas tal-manteniment lill-konjuġi l-ieħor?

Id-Dritt Ċivili jgħid illi fil-mument li jinħall iż-żwieġ, jew anke wara, eks konjuġi jista' jitlob pagamenti mill-konjuġi l-ieħor skont iċ-ċirkustanzi finanzjarji ta' dan il-konjuġi l-ieħor sabiex jiżgura l-livell ta' għajxien preċedenti tal-ewwel konjuġi. L-obbligu taż-żamma tal-livell ta' għajxien preċedenti ta' eks konjuġi jintemm meta:

- iż-żmien li għadda minn mindu ngħata d-divorzju jew l-annullament taż-żwieġ ikun daqs kemm dam iż-żwieġ, jew f'każ ta' żwieġ li ġie annullat, daqs kemm damet il-koabitazzjoni;
- l-eks konjuġi jkun reġa' żżewweġ;
- l-introjtu tal-eks konjuġi jkopri l-manteniment tal-konjuġi;
- l-eks konjuġi jastjeni intenzjonalment milli jipprovdri għall-bżonnijiet tiegħu permezz ta' xogħlu;

- l-eks konjuġi obbligat li jipprovdli l-manteniment ma jkollux mezzi ta' sussistenza biżżejjed jew sar inkapaċi għax-xogħol;
- l-eks konjuġi jwettaq reat kriminali kontra l-eks konjuġi l-ieħor jew kontra l-ħajja, is-saħħa, il-libertà, il-propjetà jew l-unur tal-konjuġi l-ieħor jew kontra xi qraba tiegħu fil-linja axxendenti jew dixxendenti;
- l-eks konjuġi jkun ħalla lill-konjuġi l-ieħor mingħajr għajnuna minkejja li seta' jgħinu;
- l-eks konjuġi bi ħsieb ikun ressaq akkużi foloz dwar delitt kontra l-konjuġi l-ieħor jew kontra xi ħadd mill-qraba tiegħu fil-linja axxendenti jew dixxendenti;
- l-eks konjuġi jkun qed jgħix immoralment jew b'ħela;
- jew il-konjuġi jmut jew jitqies li miet;
- jkun hemm raġunijiet importanti oħrajn.

4 F'termini prattiċi, xi jfisser it-terminu legali "separazzjoni ġudizzjarja"?

It-terminu "separazzjoni legali" ma jeżistix fl-ordinament ġuridiku tal-Latvja.

5 X'inhuma l-kundizzjonijiet għal separazzjoni ġudizzjarja?

It-terminu "separazzjoni legali" ma jeżistix fl-ordinament ġuridiku tal-Latvja.

6 X'inhuma l-konsegwenzi legali ta' separazzjoni ġudizzjarja?

It-terminu "separazzjoni legali" ma jeżistix fl-ordinament ġuridiku tal-Latvja.

7 Fil-prattika, xi jfisser it-terminu "annullament taż-żwieġ"?

Żwieġ jista' jiġi annullat jekk ikun ġie ċelebrat bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi li jipprojbixxu ċ-ċelebrazzjoni legali tiegħu. Mad-dħul fis-seħħ tas-sentenza ta' annullament taż-żwieġ, il-partijiet jitqiesu illi qatt ma kienu miżżewġin, u ż-żwieġ jitqies li hu null u bla effett mid-data taċ-ċelebrazzjoni tiegħu. Ta' min jinnota illi l-annullament taż-żwieġ jista' jsir ukoll wara divorzju.

8 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jingħata annullament taż-żwieġ?

Annullament taż-żwieġ jingħata biss fil-każijiet li ġejjin stabbiliti mil-leġiżlazzjoni:

- iż-żwieġ ma kienx irreġistrat minn uffiċjal tar-reġistru jew minn ministru reliġjuż ta' waħda mid-denominazzjonijiet imniżżla fid-Dritt Ċivili;
- iż-żwieġ ġie ċelebrat b'mod fittizju, mingħajr ma kien hemm il-ħsieb li tiġi stabbilita familja;
- iż-żwieġ ġie ċelebrat qabel ma ż-żewġ konjuġi għalqu t-tmintax-il sena, jew f'ċerti każijiet qabel ma' wieħed mill-konjuġi għalaq is-sittax-il sena, u wara ż-żwieġ jista' jkun validu jekk jiġi ċelebrat ma' adult u l-ġenituri jew it-tutori jkunu taw il-kunsens tagħhom; madankollu, żwieġ ta' dan it-tip ma jistax jiġi annullat jekk ikun hemm wild konċepit wara ż-żwieġ jew jekk iż-żewġ konjuġi jkunu għalqu l-età minima sakemm tingħata s-sentenza tal-qorti;
- fil-mument li ġie ċelebrat iż-żwieġ, wieħed mill-konjuġi kien ibati minn kundizzjoni li biha ma setax jifhem is-sinifikat tal-aġir tiegħu jew ma setax jikkontrolla l-aġir tiegħu;
- iż-żwieġ ġie ċelebrat bejn persuni li jiġi minn xulxin fil-grad ipprojbit mil-liġi, jiġifieri, qraba fil-linja diretta axxendenti jew dixxendenti, jew bejn l-aħwa inkluż bejn aħwa minn ġenitur wieħed;
- iż-żwieġ ġie ċelebrat bejn ġenitur adottiv u l-wild adottiv tiegħu, ħlief meta r-relazzjonijiet legali stabbiliti bl-adozzjoni jkunu ntemmu;
- iż-żwieġ ġie ċelebrat bejn tutur u l-persuna taħt il-kustodja tiegħu, jew bejn kuratur u persuna taħt il-kurazija tiegħu, qabel ma tkun spiċċat ir-relazzjoni ta' kustodja jew kurazija ta' bejniethom;
- wieħed mill-konjuġi kien diġà miżżewweġ.

F'dawn il-każijiet kollha, rikors għall-annullament taż-żwieġ jista' jitressaq f'kull mument mingħajr skadenza, minn kull parti interessata jew mill-prosekutur pubbliku. Jekk iż-żwieġ jintemm minħabba mewt jew divorzju, ir-rikors għall-annullament ikun jista' jitressaq biss mill-persuni bi drittijiet affettwati minn dawn iċ-ċirkostanzi. Jekk iż-żewġ konjuġi jkunu mietu, ma jistax jitressaq rikors għall-annullament taż-żwieġ tagħhom.

9 X'inhuma l-konsegwenzi legali ta' annullament taż-żwieġ?

Konjuġi bi żwieġ annullat jerġa' lura għall-kunjom ta' qabel iż-żwieġ. Jekk meta ġie ċċelebrat iż-żwieġ il-konjuġi ma kienx jaf illi ż-żwieġ kellu jiġi annullat, huwa jista' jitlob lill-qorti tħallih iżomm il-kunjom taż-żwieġ.

Jekk meta ġie ċċelebrat iż-żwieġ, wieħed mill-konjuġi kien jaf illi ż-żwieġ seta' jiġi annullat, il-konjuġi l-ieħor ikollu d-dritt jitlob mingħand il-konjuġi tal-ewwel mhux biss mezz finanzjarji biex iżomm l-istess livell ta' għajxien li kellu iżda wkoll kumpens għad-danni morali.

Meta ż-żwieġ jiġi annullat, iċ-ċirkostanzi li fihom jintemm l-obbligu ta' eks konjuġi li jmantni lill-ieħor bl-istess livell ta' għajxien huma l-istess bħal fil-każ ta' divorzju (ara l-mistoqsija 3.4).

F'dak li jikkonċerna d-diviżjoni tal-propjetà minħabba annullament taż-żwieġ, kull eks konjuġi għandu dritt iżomm il-propjetà li kellu qabel iż-żwieġ u kull propjetà mixtrija minnu matul il-koabitazzjoni. Il-propjetà mixtrija flimkien trid tinqasam f'partijiet indaqs bejn l-eks konjuġi.

Jekk meta ġie ċċelebrat iż-żwieġ l-ebda wieħed mill-konjuġi ma kien jaf illi ż-żwieġ kellu jiġi annullat, il-propjetà tinqasam skont id-dispożizzjonijiet tad-Dritt Ċivili li jirregolaw id-diviżjoni tal-propjetà akkwistata waqt żwieġ validu. Madankollu, jekk wieħed biss mill-konjuġi ma kienx jaf illi ż-żwieġ kellu jkun annullat, il-proċedura dwar id-diviżjoni tal-propjetà akkwistata waqt żwieġ validu f'każ ta' divorzju tapplika biss fir-rigward tal-konjuġi li ma kienx jaf illi ż-żwieġ kellu jkun annullat.

10 Hemm mezz alternattivi mhux ġudizzjarji biex jissolvew il-kwistjonijiet relatati mad-divorzju mingħajr il-bżonn ta' rikors il-qorti?

Fil-Latvja, iż-żwieġ jista' jinħall minn nutar fuq rikors konġunt tal-partijiet. Il-proċedura għall-ħall taż-żwieġ minn nutar hija prevista fit-Taqsima P tal-Liġi dwar in-Nutara. Nutar ċertifikat jista' jordna l-ħall taż-żwieġ jekk il-konjuġi jkunu laħqu ftehim dwar id-divorzju u ma jkollhomx wild minuri tagħhom it-tnejn jew propjetà matrimonjali, jew, jekk il-konjuġi jkollhom wild minuri tat-tnejn jew propjetà matrimonjali u jkollhom ftehim bil-miktub dwar il-kustodja tal-wild minuri tat-tnejn, id-drittijiet tal-aċċess, il-manteniment tal-wild u d-diviżjoni tal-propjetà matrimonjali.

11 Fejn għandi nippreżenta r-rikors (petizzjoni) tiegħi għal divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ? Liema formalitajiet għandhom jitħarsu u liema dokumenti għandi nehmeż mar-rikors tiegħi?

Il-ħall taż-żwieġ minn nutar

Jekk iż-żwieġ ikun se jinħall minn nutar, ma hemmx ġurisdizzjoni territorjali speċifika - il-partijiet jistgħu imorru għand liema nutar iridu fejn iridu fil-pajjiż. Dan ma jinkludix il-każijiet transfruntieri fejn il-ġurisdizzjoni hija rregolata mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003. Jekk skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea jew leġiżlazzjoni internazzjonali oħra, divorzju transfruntier ma jkunx kopert mill-ġurisdizzjoni tal-Latvja, nutar iċċertifikat ma jstax jibda l-proċedimenti tad-divorzju u jrid jinforma kif xieraq lill-konjuġi.

F'kawżi ta' divorzju transfruntieri, il-liġi applikabbli tiġi deċiża skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1259/2010 tal-20 ta' Diċembru 2010 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali.

Rikors għad-divorzju mressaq quddiem nutar irid jindika dan li ġej:

- l-isem, il-kunjom u n-numru tal-identità personali ta' kull konjuġi (jekk il-konjuġi ma jkollux numru tal-identità personali, is-sena, il-jum u x-xahar tat-twelid);
- is-sena, il-jum u x-xahar tat-tiegħ u n-numru tal-entrata fir-reġistru;
- il-pajjiż fejn ġie rreġistrat iż-żwieġ u l-awtorità, jew denominazzjoni reliġjuża u l-ministru tar-reliġjon, li ż-żwieġ ġie ċċelebrat quddiemu;

- jekk il-konjuġi għandhomx tfal minuri tagħhom it-tnejn u jekk laħqux ftehim dwar il-kustodja tagħhom, kif ukoll l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-aċċess, u l-manteniment;
- jekk il-konjuġi għandhomx kopropjetà, u jekk laħqux ftehim dwar id-diviżjoni ta' din il-propjetà;
- il-kunjomijiet tal-konjuġi wara d-divorzju.

Ir-rikors irid jinkludi ċ-ċertifikat oriġinali taż-żwieġ, jew kopja jew estratt maħruġ mill-uffiċċju tar-reġistru pubbliku, jew dikjarazzjoni mill-istess uffiċċju.

Jekk il-konjuġi jkollhom wild minuri tagħhom it-tnejn jew propjetà matrimonjali, mar-rikors irid jiġi anness ftehim bil-miktub dwar il-kustodja tal-wild minuri tagħhom it-tnejn, id-drittijiet ta' aċċess, il-manteniment tal-wild u d-diviżjoni tal-propjetà matrimonjali.

Il-ħall taż-żwieġ mill-qorti

Rikors għal divorzju jew annullament taż-żwieġ irid jitressaq quddiem il-qorti distrettwali jew tal-belt (*rajona (pilsētas) tiesa*) li jkollha l-ġuriżdizzjoni — normalment il-qorti tal-post tar-residenza dikjarata tal-intimat, jew fin-nuqqas ta' hekk, tal-post tar-residenza *de facto* tal-intimat. Rikors jista' jitressaq quddiem il-qorti tal-post tar-residenza dikjarata tar-rikorrent, jew fin-nuqqas ta' hekk tal-post tar-residenza *de facto* tar-rikorrent, jekk:

- il-minuri jgħixu mar-rikorrent;
- iż-żwieġ li jrid jinħall ikun ma' persuna li qiegħda tiskonta piena ta' priġunerija;
- iż-żwieġ li jrid jinħall ikun ma' persuna li ma għandiex post tar-residenza dikjarat, li r-residenza tagħha mhix magħrufa, jew li tgħix barra l-pajjiż.

Ir-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni fi kwistjonijiet tad-divorzju, is-separazzjoni legali u l-annullament taż-żwieġ meta wieħed mill-konjuġi jkun abitwalment residenti fi Stat Membru ieħor, jew ikun ċittadin ta' Stat Membru ieħor, huwa stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000.

Hekk kif jiġi determinat liema jkun l-Istat Membru adattat, tapplika l-proċedura ċivili domestika ta' dak l-Istat Membru.

Ir-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni fi kwistjonijiet ta' divorzju huma stabbiliti wkoll fi ftehimiet internazzjonali bilaterali dwar l-għajjnuna u l-assistenza legali li ġew konklużi ma' pajjiżi mhux tal-UE u li huma vinkolanti fuq il-Latvja.

Skont l-Artikoli 128 u 235¹ tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili, rikors tal-qorti jrid jindika dan li ġej:

- isem il-qorti li r-rikors se jiġi ppreżentat quddiemha;
- l-isem, il-kunjom, in-numru tal-identità personali u l-post tar-residenza rreġistrat, jew fin-nuqqas ta' hekk, il-post tar-residenza *de facto* tar-rikorrent; f'każ ta' persuna ġuridika, l-isem, in-numru ta' reġistrazzjoni u l-uffiċċju rreġistrat. Ir-rikorrent jista' jindika wkoll indirizz ieħor għall-korrispondenza mal-qorti;
- l-isem, il-kunjom, in-numru tal-identità personali, il-post tar-residenza rreġistrat u kull indirizz addizzjonali ieħor tal-intimat jew ta' parti interessata, jew, fin-nuqqas ta' hekk, il-post tar-residenza *de facto* tiegħu; f'każ ta' persuna ġuridika, l-isem, in-numru ta' reġistrazzjoni u l-uffiċċju rreġistrat. In-numru tal-identità personali jew in-numru ta' reġistrazzjoni tal-intimat irid jiġi indikat jekk ikun magħruf;
- l-isem, il-kunjom, in-numru tal-identità personali u indirizz għall-korrispondenza mal-qorti tar-rappreżentant tar-rikorrent, jekk il-kawża tinfetaħ minn rappreżentant, jew f'każ ta' persuna ġuridika, l-isem, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-uffiċċju rreġistrat;
- f'talba għall-irkupru tal-flus, l-isem tal-istituzzjoni ta' kreditu u n-numru tal-kont li l-pagament jista' jsir fih, jekk ikun hemm;
- is-suġġett tat-talba;
- l-ammont tat-talba, jekk it-talba tista' tiġi kkwantifikata fi flus, kif ukoll il-metodu tal-kalkolu tal-ammont li jrid jiġi rkuprat jew li qed jiġi kkontestat;
- il-fatti li r-rikorrent qed jibbaża t-talba tiegħu fuqhom, u l-provi li jikkorraborawhom;
- il-liġi li t-talba hija bbażata fuqha;
- it-talbiet tar-rikorrent;
- lista tad-dokumenti mehmuża mar-rikors;
- id-data ta' meta sar ir-rikors, u kull informazzjoni oħra li tista' tkun rilevanti.

Rikors għal divorzju jrid jindika wkoll dan li ġej:

- id-data minn meta l-partijiet bdew jgħixu separatament;
- jekk il-konjuġi l-ieħor jaqbilx mad-divorzju;
- jekk il-partijiet laħqux ftehim dwar il-kustodja tat-tfal, il-proċeduri għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-aċċess tal-ġenitur l-ieħor, il-manteniment, u d-diviżjoni tal-propjetà akkwistata fiż-żwieġ, jew jekk humiex se jressqu talbiet separati lill-qorti f'dan ir-rigward.

Ir-rikors irid ikun iffirmit mir-rikorrent jew mir-rappreżentant tiegħu. Fi kwistjoni ta' divorzju jew ta' annullament, ir-rappreżentant tal-parti jrid ikollu awtorizzazzjoni speċifika biex ikun jista' jmexxi l-kawża. L-awtorizzazzjoni tar-rappreżentant f'każ ta' divorzju jew annullament tkopri wkoll kull talba oħra relatata.

Dawn li ġejjin iridu jiġu mehmuża mar-rikors:

- kopja awtentika tar-rikors, biex tintbagħat lill-intimat;
- dokument illi juri li tħallset it-tariffa tal-Istat u spejjeż oħra tal-qorti skont il-proċedura u fl-ammont iffissat mil-liġi;
- dokument jew dokumenti li jaċċertaw iċ-ċirkostanzi li t-talba hija bbażata fuqhom (bħal ċertifikat tar-reġistrazzjoni taż-żwieġ).

12 Nista' ningħata għajjnuna legali biex inkopri l-ispejjeż tal-proċedura?

B'mod ġenerali, l-Istat jagħti għajjnuna legali jekk il-mezzi jew livell ta' introjtu ta' persuna ma jippermettulhiex li tħares id-drittijiet tagħha, jew jekk f'daqqa waħda ssib ruħha f'sitwazzjoni jew f'diffikultà finanzjarja li wkoll ma tħallihiex tħares drittijietha (pereżempju minħabba diżastru naturali, forza maġġuri jew ċirkostanzi oħra mhux fil-kontroll tagħha), jew il-persuna tkun għalkollox dipendenti fuq l-Istat jew l-awtorità lokali, li għalhekk tagħmilha oġġettivament diffiċli biex il-persuna tħares id-drittijiet tagħha. L-għajjnuna legali tingħata f'konformità mal-Liġi dwar l-Għajjnuna Legali mill-Istat.

L-għajjnuna legali tkopri l-ispejjeż relatati mat-tnejn tad-dokumenti proċedurali, il-konsultazzjoni mal-avukat matul il-proċedimenti, ir-rappreżentanza fil-qorti, u l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-qorti.

Il-Latvja tipprovdi għajjnuna legali wkoll f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003.

13 Huwa possibbli li deċiżjoni relatata ma' divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ tiġi appellata?

Fl-ewwel istanza, il-kawża tinstema' minn qorti distrettwali jew tal-belt (*rajona (pilsētas) tiesa*). Jista' jsir appell mid-deċiżjoni tagħha quddiem il-qorti reġjonali (*apgabaltiesa*), kif ukoll appell fil-kassazzjoni (*kasācija*).

Jekk iż-żwieġ irid jinħall minn nutar, ta' min jinnota illi l-veraċità tad-dokumenti ċċertifikati skont il-proċedura statutorja ma tkunx tista' tiġi kkontestata. Id-dokumenti jistgħu jiġu kkontestati permezz ta' kawża separata.

Kull ilment dwar nutar ċċertifikat ma mexiex sew fit-twettiq ta' dmirijietu, jew irrifjuta li jwettaq dmirijietu, irid jiġi ppreżentat lill-qorti reġjonali li tissorvelja lin-nutar fi żmien xahar mid-data ta' meta n-nutar wettaq l-azzjoni li sar l-ilment dwarha jew irrifjuta li jwettaq l-azzjoni mitluba.

14 X'għandi nagħmel biex deċiżjoni dwar divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ mogħtija minn qorti fi Stat Membru ieħor tiġi rikonoxxuta f'dan l-Istat Membru?

Sentenza dwar divorzju, separazzjoni legali jew annullament taż-żwieġ mogħtija fi Stat Membru ieħor tiġi rikonoxxuta fil-Latvja kif previst fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003. Skont id-dispożizzjonijiet ta' dak ir-regolament, sentenza mogħtija fi Stat Membru trid tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri l-oħrajn mingħajr arranġamenti ta' proċedura speċjali. Kull parti li tixtieq tiggarrantixxi r-rikonoxximent fil-Latvja ta' sentenza ta' divorzju, separazzjoni legali jew annullament taż-żwieġ mogħtija fi Stat Membru ieħor, skont il-proċeduri previsti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tista' titlob deċiżjoni li s-sentenza trid tiġi rikonoxxuta, jew ma

tiġix rikonoxxuta, billi tressaq rikors għar-rikonoxximent (*atzišana*) jew għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni (*atzišana un izpildišana*) tas-sentenza barranija lill-qorti distrettwali jew tal-belt tal-post fejn trid tiġi eżegwita s-sentenza, jew tal-post tar-residenza ddikjarat tal-intimat, jew fin-nuqqas ta' hekk, lill-qorti tal-post tar-residenza *de facto* tal-intimat.

Deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent jew ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija minn qorti barranija tittieħed minn imħallef uniku, fuq il-bażi tar-rikors imressaq u d-dokumenti mehmuża miegħu, fi żmien 10 ijiem mid-data tal-preżentazzjoni tar-rikors, mingħajr ma jiħarrku l-partijiet. L-imħallef jista' jiċċħad ir-rikonoxximent tas-sentenza fil-Latvja biss għal waħda mir-raġunijiet għan-nonrikonoxximent imniżżlin fl-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003. Dawn jippermettu ċ-ċaħda ta' rikonoxximent fil-Latvja ta' sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor, fil-każijiet li ġejjin:

- jekk tali rikonoxximent imur manifestament kontra l-ordni pubbliku tal-Latvja;
- meta s-sentenza tingħata b'kontumaċja, jekk l-intimat ma jkunx ġie nnotifikat bl-att promotur jew b'dokument ekwivalenti b'ħin biżżejjed u b'tali mod illi l-intimat ikun jista' jipprepara d-difiża tiegħu sakemm ma jiġix deċiż illi l-intimat aċċetta s-sentenza inekwivokabbilmment;
- jekk is-sentenza ma tistax tiġi konċiljata ma' sentenza mogħtija fi proċedimenti bejn l-istess partijiet fil-Latvja;
- jekk is-sentenza ma tistax tiġi konċiljata ma' sentenza preċedenti mogħtija fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż li mhux tal-UE bejn l-istess partijiet, sakemm is-sentenza preċedenti tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għar-rikonoxximent tagħha fil-Latvja.

Skont l-Artikolu 638 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili, rikors dwar ir-rikonoxximent ta' sentenza jrid jindika wkoll:

- isem il-qorti li r-rikors se jiġi ppreżentat quddiemha;
- l-isem, il-kunjom, in-numru tal-identità personali (jew, fin-nuqqas ta' hekk, *data* ta' identifikazzjoni oħra) tar-rikorrent u l-indirizz għall-korrispondenza mal-qorti; f'każ ta' persuna ġuridika, l-isem, in-numru ta' reġistrazzjoni u l-uffiċċju rreġistrat;
- l-isem, il-kunjom, in-numru tal-identità personali (jew, fin-nuqqas ta' hekk, *data* ta' identifikazzjoni oħra), il-post tar-residenza ddikjarata u kull indirizz addizzjonali ddikjarat ieħor tal-intimat, jew, fin-nuqqas ta' hekk, il-post tar-residenza *de facto* tal-intimat; f'każ ta' persuna ġuridika, l-isem, in-numru ta' reġistrazzjoni u l-uffiċċju rreġistrat;
- is-suġġett tar-rikors u ċ-ċirkostanzi li r-rikors huwa bbażat fuqhom;
- it-talba tar-rikorrent illi tiġi rikonoxxuta s-sentenza mogħtija minn qorti barranija, jew rikonoxxuta u eżegwita, kompletament jew parzjalment;
- ir-rappreżentant awtorizzat u l-indirizz tiegħu, jekk ġie mqabbađ rappreżentant biex imexxi l-kawża fil-Latvja;
- lista tad-dokumenti mehmuża;
- id-data u l-ħin ta' meta tfassal ir-rikors.

Skont l-Artikolu 37 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, rikors dwar ir-rikonoxximent ta' sentenza mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor għandu jkun akkumpanjat minn:

- kopja tas-sentenza li tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa biex tiġi stabbilita l-awtentiċità;
- jekk is-sentenza ingħatat b'kontumaċja, dokument li jstabbilixxi illi l-kontumaċi ġie nnotifikat bl-att promotur (għad-divorzju, is-separazzjoni legali jew l-annullament taż-żwieġ); inkella, ir-rikorrent jista' jippreżenta dokumenti li jindika illi l-intimat aċċetta inekwivokabbilmment is-sentenza mogħtija b'kontumaċja;
- ċertifikat maħruġ minn awtorità kompetenti jew qorti tal-Istat Membru tal-orġini tas-sentenza skont l-Artikolu 39 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003.

15 F'liema qorti għandi nirrikorri biex nopponi għar-rikonoxximent ta' deċiżjoni dwar divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor? Liema proċedura tapplika f'dawn il-każijiet?

Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, hemm żewġ modi kif parti interessata tista' toġġezzjona fil-

Latvja għar-rikonoxximent ta' sentenza ta' divorzju, separazzjoni legali jew annullament taż-żwieġ mogħtija fi Stat Membru ieħor.

L-ewwel nett, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, kull parti interessata tista' titlob lil qorti għal deċiżjoni illi sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor ma għandhiex tiġi rikonoxxuta fil-Latvja.

It-tieni, l-intimat f'każ dwar ir-rikonoxximent ta' sentenza jista' jikkontesta r-rikonoxximent ta' sentenza fil-Latvja anke jekk persuna oħra tkun diġà ppreżentat rikors għar-rikonoxximent tas-sentenza, u meta fuq il-bażi ta' dak ir-rikors il-qorti distrettwali jew tal-belt tkun diġà irrikonoxxiet is-sentenza. L-intimat jista' jqajjem eċċezzjonijiet għar-rikonoxximent fil-Latvja ta' sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor billi jappella d-deċiżjoni tal-qorti distrettwali jew tal-belt li rrikonoxxiet is-sentenza. Skont l-Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, id-deċiżjoni ta' qorti distrettwali jew tal-belt illi tirrikonoxxi sentenza mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor tista' tiġi appellata quddiem qorti reġjonali bil-preżentazzjoni ta' eċċezzjoni anċillari (*blakus sūdzība*) lill-qorti li tkun ħadet id-deċiżjoni, u billi jibgħat ir-rikors lill-qorti reġjonali rispettiva. L-intimat jew ir-rikorrent jista' jressaq id-deċiżjoni tal-qorti reġjonali dwar ir-rikonoxximent ta' sentenza quddiem is-Senat tal-Qorti Suprema (*Augstākās tiesas Senāts*) billi jippreżenta eċċezzjoni anċillari lill-qorti li ħadet id-deċiżjoni u jibgħat ir-rikors lid-Dipartiment tal-Kawżi Ċivili tas-Senat tal-Qorti Suprema.

L-intimat jista' joġġezzjona għar-rikonoxximent ta' sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor fuq il-bażi ta' waħda mir-raġunijiet għan-nonrikonoxximent previsti fl-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 biss (ara l-mistoqsija 14).

16 Liema liġi tad-divorzju tiġi applikata mill-qorti fil-proċeduri ta' divorzju bejn konjuġi li ma jgħixux f'dan l-Istat Membru jew li huma ta' nazzjonalitajiet differenti?

Il-proċedura għall-għażla tal-liġi applikabbli hija prevista fir-[Regolament tal-Kunsill \(UE\) Nru 1259/2010 tal-20 ta' Diċembru 2010 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali \(ir-Regolament Ruma III\)](#).

Links

<https://www.tiesas.lv/>

<https://www.llrx.com/2002/11/features-latvian-law-guide/> (bl-Ingliż)

<https://vvc.gov.lv>

<https://www.tm.gov.lv/lv>

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.



L-aħħar aġġornament: 29/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.